# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/582

## tat-12 ta' April 2018

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 li jistabbilixxi l-formoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 ([2]), stabbilixxa l-formola tal-applikazzjoni prevista fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 li trid tintuża biex l-awtoritajiet doganali jintalbu jieħdu azzjoni fir-rigward ta' oġġetti suspettati bi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali (il-"formola tal-applikazzjoni").

(2) Il-formola ta' applikazzjoni trid tiġi adattata biex titqies l-esperjenza prattika li saret bl-użu ta' dik il-formola kif ukoll biex jiġu żgurati t-trażmissjoni mingħajr problemi u l-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-bażi ta' dejta ċentrali msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

(3) Meta applikazzjoni tiġi ppreżentata wara li l-awtoritajiet doganali jkunu ssospendew ir-rilaxx tal-oġġetti jew ikunu ssekwestrawhom fuq inizjattiva tagħhom stess, dan jenħtieġ li jiġi indikat fil-formola tal-applikazzjoni mill-applikant.

(4) Permezz tar-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), it-terminu "trade mark Komunitarja" ġie sostitwit fl-ordni legali tal-Unjoni bit-terminu "trademark tal-Unjoni Ewropea". Il-formola tal-applikazzjoni trid tiġi aġġornata skont dan.

(5) Meta l-applikant jitlob biex tintuża l-proċedura għall-qerda ta' oġġetti f'kunsinni żgħar skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, jenħtieġ li jkun jista' jispeċifika jekk jixtieqx li l-proċedura tintuża fl-Istati Membri kollha jew fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri speċifiċi.

(6) L-applikant jenħtieġ li jkun mitlub jipprovdi fil-formola tal-applikazzjoni, l-ismijiet u l-indirizzi tal-kumpaniji u tal-kummerċjanti involuti billi dik l-informazzjoni hija relevanti għall-analiżi u għall-valutazzjoni tal-awtoritajiet doganali rigward ir-riskju ta' ksur.

(7) Meta jitqies li, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, l-iskambji kollha ta' dejta dwar deċiżjonijiet marbuta ma' applikazzjonijiet u sekwestri bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jsiru permezz ta' bażi ta' dejta ċentrali tal-Kummissjoni u li dik il-bażi ta' dejta trid tiġi aġġustata skont il-formola ta' applikazzjoni l-ġdida, l-emendi fl-Annessi I u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 jenħtieġ li japplikaw mill-15 ta' Mejju 2018.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

---

([1]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 tal-4 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-formoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 10).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 21).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit mit-test stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness III hu emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-15 ta' Mejju 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

*"ANNESS I*

**L-UNJONI EWROPEA – TALBA GĦAL INTERVENT**

1

KOPJA GĦAD-DIPARTIMENT DOGANALI KOMPETENTI

1

1. Applikant
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Nru-EORI: (+)
Nru VAT: (+)
Nru ta' reġistrazzjoni nazzjonali: (+)
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl (*):
Websajt:

**Għall-użu uffiċjali**
Data tar-Riċevuta

Numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni

DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI
TALBA GĦAL INTERVENT MILL-AWTORITAJIET DOGANALI
skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013

2 (*). Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea ☐
Applikazzjoni Nazzjonali ☐
Applikazzjoni Nazzjonali (ara l-Artikolu 5(3)) ☐

3 (*). Status tal-applikant
☐ Id-detentur tad-dritt
☐ Persuna jew entità awtorizzata li tagħmel użu mid-dritt tal-PI
☐ Korp ta' ġestjoni drittijiet tad-kollettivi tal-Proprjetà Intellettwali
☐ Korp ta' difiża professjonali
☐ Grupp ta' produtturi ta' prodotti b'Indikazzjoni Ġeografika jew rappreżentant ta' tali grupp
☐ Operatur intitolat li jagħmel użu minn Indikazzjoni Ġeografika
☐ Korp jew awtorità ta' spezzjoni kompetenti għall-Indikazzjoni Ġeografika
☐ Detentur ta' liċenzja esklussiva li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar

4. Rappreżentant li jissottometti l-applikazzjoni f'isem l-applikant
Kumpanija:
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)

☐ L-evidenza tas-setgħa tar-rappreżentanti li jaġixxu hija allegata

5 (*). Tip ta' dritt li tirreferi għalih l-applikazzjoni
☐ Marka reġistrata nazzjonali (NTM)
☐ Trademark tal-Unjoni Ewropea (EUTM)
☐ Marka reġistrata internazzjonali (ITM)
☐ Disinn reġistrat nazzjonali (ND)
☐ Disinn reġistrat tal-Komunità (CDR)
☐ Disinn reġistrat internazzjonali (ICD)
☐ Disinn tal-Komunità mhux reġistrat (CDU)

☐ Dritt tal-awtur u dritt relatat (NCPR)
☐ Titlu kummerċjali (NTN)
☐ Topografija ta' prodott semikonduttur (NTSP)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi nazzjonali (NPT)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi tal-Unjoni (UPT)
☐ Mudell ta' utilità (NUM)

Indikazzjoni Ġeografika/Denominazzjoni tal-oriġini
☐ għal prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel (CGIP)
☐ għall-inbid (CGIW)
☐ għal xarbiet aromatizzati bbażati fuq prodotti tal-inbid (CGIA)
☐ għal xorb spirituż (CGIS)
☐ għal prodotti oħra (NGI)
☐ kif elenkat fil-Ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (CGIL)

Dritt għall-varjetà tal-pjanti:
☐ nazzjonali (NPVR)
☐ tal-Komunità (CPVR)

Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni:
☐ għal prodotti mediċinali (SPCM)
☐ għal prodotti fitofarmaċewtiċi (SPCP)

6 (*). L-Istat Membru jew, fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri li fih/fihom jintalab l-intervent tal-awtoritajiet doganali

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA

☐ BE ☐ BG ☐ CZ ☐ DK ☐ DE ☐ EE ☐ IE ☐ EL ☐ ES ☐ FR ☐ HR ☐ IT ☐ CY ☐ LV
☐ LT ☐ LU ☐ HU ☐ MT ☐ NL ☐ AT ☐ PL ☐ PT ☐ RO ☐ SI ☐ SK ☐ FI ☐ SE ☐ UK

7. Rappreżentant għal kwistjonijiet legali
Kumpanija:
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl (*):
Websajt:

8. Rappreżentant għal kwistjonijiet tekniċi
Kumpanija:
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl (*):
Websajt:

9. Fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, id-dettalji tar-rappreżentanti nominati għal kwistjonijiet legali u tekniċi huma inklużi fl-anness Nru ............................

10. Nitlob li tintuża l-proċedura tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 (kunsinni żgħar) fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri li ġejjin u, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, naqbel li nkopri l-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-oġġetti skont din il-proċedura.

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA

☐ BE ☐ BG ☐ CZ ☐ DK ☐ DE ☐ EE ☐ IE ☐ EL ☐ ES ☐ FR ☐ HR ☐ IT ☐ CY ☐ LV
☐ LT ☐ LU ☐ HU ☐ MT ☐ NL ☐ AT ☐ PL ☐ PT ☐ RO ☐ SI ☐ SK ☐ FI ☐ SE ☐ UK

(*) dawn huma oqsma obbligatorji u jridu jimtlew

(+) mill-inqas wieħed minn dawn l-oqsma jrid jimtela

11 (*). Lista ta' drittijiet li tirreferi għalihom l-applikazzjoni

| Nru | Tip ta' dritt | Numru ta' reġistrazzjoni | Data ta' reġistrazzjoni | Data ta' skadenza | Lista ta' prodotti li jirreferi għalihom id-dritt |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Għal aktar drittijiet ara l-anness nru ................... ☐ Trattament ristrett

Prodotti awtentiċi

12 (*). Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti ☐ Trattament ristrett
Nru tad-dritt tal-PI:
Deskrizzjoni tal-prodotti:

Numru tat-tariffa tan-NM:
Valur doganali:
Valur tas-suq medju Ewropew:
Valur tas-suq nazzjonali: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

13 (*). Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti ☐ Trattament ristrett
Il-pożizzjoni fuq il-prodotti:
Deskrizzjoni:
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

14 (*). Post tal-produzzjoni ☐ Trattament ristrett
Pajjiż:
Kumpanija:
Indirizz:
Belt: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

15 (*). Kumpaniji involuti ☐ Trattament ristrett
Rwol:
Isem:
Indirizz:
Belt:
Kodiċi Postali:
Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

16 (*). Kummerċjanti ☐ Trattament ristrett
Isem:
Indirizz:
Belt:
Kodiċi Postali:
Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

17. Taghrif dwar l-ikklerjar tal-prodotti u d-distribuzzjoni taghhom ☐ Trattament ristrett
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

18. Pakketti ☐ Trattament ristrett
Tip ta' imballaġġ:
Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:
Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi):
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

19. Dokumenti allegati ☐ Trattament ristrett
Tip ta' dokument:
Deskrizzjoni:
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

| Prodotti foloz | | |
|---|---|---|
| 20. | Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti<br>Nru tad-dritt tal-PI:<br>Deskrizzjoni tal-prodotti:<br><br>Numru tat-tariffa tan-NM:<br>Valur minimu: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 21. | Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti<br>Pożizzjoni fuq il-prodotti:<br>Deskrizzjoni: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 22. | Post tal-produzzjoni<br>Pajjiż:<br>Kumpanija:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 23. | Kumpaniji involuti<br>Rwol:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 24. | Kummerċjanti<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 25. | Tagħrif dwar id-distribuzzjoni tal-prodotti | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 26. | Pakketti<br>Tip ta' imballaġġ:<br>Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:<br>Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi): | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 27. | Dokumenti allegati<br>Tip ta' dokument:<br>Deskrizzjoni: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |

28. Tagħrif addizzjonali ☐ Trattament ristrett

☐

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

29. Impenji

Billi niffirma nieħu l-impenn li:

— ninnotifika immedjatament lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta minni f'din l-applikazzjoni jew fl-allegati skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

— nibgħat lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni kwalunkwe aġġornament rigward l-informazzjoni imsemmija fil-punti (g), (h) jew (i) tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 608/2013 li hija relevanti għall-analiżi u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tad-dwana rigward ir-riskju ta' ksur tad-dritt jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali inklużi f'din l-applikazzjoni.

— nassumi r-responsabbiltà skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 u li nġarrab l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

Naqbel li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw id-dejta mogħtija f'din l-applikazzjoni.

30 (*). Firma

Data (JJ/XX/SSSS) Firma tal-applikant

Post Isem (lttri kapitali)

**Għall-użu uffiċjali**

Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet doganali (skont it-tifsira tat-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013)

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa kompletament.

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa parzjalment (għad-drittijiet mogħtija ara l-lista allegata).

Data tal-adozzjoni (JJ/XX/SSSS) Firma u timbru Dipartiment doganali kompetenti

Id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni:

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-perjodu li fih l-awtoritajiet tad-dwana jridu jieħdu azzjoni għandha tasal għand id-dipartiment doganali kompetenti mhux aktar tard minn 30 jum ta' xogħol qabel id-data tal-iskadenza.

☐ L-applikazzjoni ġiet miċħuda.

Deċiżjoni motivata li tiddkjara r-raġunijiet għal ċaħda parzjali jew kompleta u tagħrif dwar il-proċedura tal-appell huma mehmuża.

Data (JJ/XX/SSSS) Firma u timbru Dipartiment doganali kompetenti

**Il-protezzjoni personali tad-data u l-bażi tad-data ċentrali għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal intervent.**

Meta l-Kummissjoni Ewropea tipproċessa data personali inkluża f'din l-applikazzjoni għal intervent japplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar tad-data personali mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Meta l-awtorità tad-dwana kompetenti ta' Stat Membru tipproċessa data personali inkluża f'din l-applikazzjoni għal intervent japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE.

L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tal-applikazzjoni għal intervent huwa l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet tad-dwana fl-Unjoni b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2012 rigward l-infurzar mill-awtoritajiet tad-dwana tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Il-kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar tad-data bil-bażi tad-data ċentrali huwa d-dipartiment doganali nazzjonali kompetenti fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni. Il-lista ta' dipartimenti doganali kompetenti hija ppubblikata fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/right_holders/index_en.htm.

L-aċċess għad-data personali kollha huwa mogħti permezz ta' UserID/Password lill-awtoritajiet tad-dwana fl-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Data personali li tifforma parti mill-informazzjoni li taqa' fil-kuntest ta' trattament ristrett se tkun aċċessibbli biss mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri kif indikat fil-kaxxa 6 tal-applikazzjoni permezz ta' UserID/Password.B'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 608/2013, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data fl-Unjoni u bil-għan li jingħata kontribut biex jiġi eliminat il-kummerċ internazzjonali fi prodotti li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tad-dwana fl-Istati Membri jistgħu jaqsmu d-data personali inkluża fl-applikazzjoni mal-awtoritajiet relevanti f'pajjiżi terzi.

It-tweġibiet fl-oqsma tad-data mmarkati b'* u mill-inqas waħda mill-oqsma mmarkati "+" huma obbligatorji. Fil-każ li din id-data obbligatorja ma timteliex, l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

Is-suġġetti tad-data għandhom d-dritt ta' aċċess għad-data personali li tirrigwarda lilhom li tkun se tiġi pproċessata permezz tal-bażi tad-data ċentrali u, fejn xieraq, għandhom id-dritt li jirrettifikaw, iħassru jew jimblukkaw data personali skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jew il-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE.

It-talbiet kollha għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir jew imblukkar jiġu ppreżentati lid-dipartiment doganali kompetenti fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni.

Il-bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huwa r-Regulation (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 rigward l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Data personali ma tinżammx iktar minn sitt xhur mid-data ta' meta d-deċiżjoni rilevanti li tilqa' l-applikazzjoni tkun ġiet revokata jew ta' meta l-perijodu rilevanti li matulu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni jkun skada. Dak il-perjodu jiġi speċifikat mid-dipartiment doganali kompetenti meta jilqa' l-applikazzjoni u ma jkunx jaqbeż sena mill-għada tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tilqa' l-applikazzjoni. Madankollu, meta l-awtoritajiet tad-dwana jkunu ġew innotifikati bi proċedimenti li jinbdew biex tiġi determinata falsifikazzjoni possibbli ta' prodotti skont l-applikazzjoni, id-data personali tinżamm għal sitt xhur wara li jkunu ġew konklużi l-proċedimenti.F'każ ta' kunflitt, l-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-awtorità nazzjonali relevanti għall-protezzjoni tad-data. Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq il-Websajt tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja (http://ec.europa.eu/justice/data-protection/bodies/authorities/eu/index_en.htm#h2-1). Meta l-ilment ikun jikkonċerna l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dan għandu jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/).

**L-UNJONI EWROPEA – TALBA GĦAL INTERVENT**

2

KOPJA GĦALL-APPLIKANT

1. Applikant
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Nru-EORI: (+)
Nru VAT: (+)
Nru ta' reġistrazzjoni nazzjonali: (+)
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl (*):
Websajt:

**Għall-użu uffiċjali**
Data tar-Riċevuta

Numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni

DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI
TALBA GĦAL INTERVENT MILL-AWTORITAJIET DOGANALI
skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013

2 (*). Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea ☐
Applikazzjoni Nazzjonali ☐
Applikazzjoni Nazzjonali (ara l-Artikolu 5(3)) ☐

3 (*). Status tal-applikant
☐ Id-detentur tad-dritt
☐ Persuna jew entità awtorizzata li tagħmel użu mid-dritt tal-PI
☐ Korp ta' ġestjoni drittijiet tad-kollettivi tal-Proprjetà Intellettwali
☐ Korp ta' difiża professjonali
☐ Grupp ta' produtturi ta' prodottii b'Indikazzjoni Ġeografika jew rappreżentant ta' tali grupp
☐ Operatur intitolat li jagħmel użu minn Indikazzjoni Ġeografika
☐ Korp jew awtorità ta' spezzjoni kompetenti għall-Indikazzjoni Ġeografika
☐ Detentur ta' liċenzja esklussiva li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar

4. Rappreżentant li jissottometti l-applikazzjoni f'isem l-applikant
Kumpanija:
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)

☐ L-evidenza tas-setgħa tar-rappreżentanti li jaġixxu hija allegata

2

5 (*). Tip ta' dritt li tirreferi għalih l-applikazzjoni
☐ Marka reġistrata nazzjonali (NTM)
☐ Trademark tal-Unjoni Ewropea (EUTM)
☐ Marka reġistrata internazzjonali (ITM)
☐ Disinn reġistrat nazzjonali (ND)
☐ Disinn reġistrat tal-Komunità (CDR)
☐ Disinn reġistrat internazzjonali (ICD)
☐ Disinn tal-Komunità mhux reġistrat (CDU)

☐ Dritt tal-awtur u dritt relatat (NCPR)
☐ Titlu kummerċjali (NTN)
☐ Topografija ta' prodott semikonduttur (NTSP)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi nazzjonali (NPT)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi tal-Unjoni (UPT)
☐ Mudell ta' utilità (NUM)

Indikazzjoni Ġeografika/Denominazzjoni tal-oriġini
☐ għal prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel (CGIP)
☐ għall-inbid (CGIW)
☐ għal xarbiet aromatizzati bbażati fuq prodotti tal-inbid (CGIA)
☐ għal xorb spirituż (CGIS)
☐ għal prodotti oħra (NGI)
☐ kif elenkat fil-Ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (CGIL)

Dritt għall-varjetà tal-pjanti:
☐ nazzjonali (NPVR)
☐ tal-Komunità (CPVR)

Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni:
☐ għal prodotti mediċinali (SPCM)
☐ għal prodotti fitofarmaċewtiċi (SPCP)

6 (*). L-Istat Membru jew, fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri li fih/fihom jintalab l-intervent tal-awtoritajiet doganali

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA
☐ BE ☐ BG ☐ CZ ☐ DK ☐ DE ☐ EE ☐ IE ☐ EL ☐ ES ☐ FR ☐ HR ☐ IT ☐ CY ☐ LV
☐ LT ☐ LU ☐ HU ☐ MT ☐ NL ☐ AT ☐ PL ☐ PT ☐ RO ☐ SI ☐ SK ☐ FI ☐ SE ☐ UK

7. Rappreżentant għal kwistjonijiet legali
Kumpanija:
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl (*):
Websajt:

8. Rappreżentant għal kwistjonijiet tekniċi
Kumpanija:
Isem (*):
Indirizz (*):
Belt (*):
Kodiċi Postali:
Pajjiż (*):
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl (*):
Websajt:

9. Fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, id-dettalji tar-rappreżentanti nominati għal kwistjonijiet legali u tekniċi huma inklużi fl-anness Nru .............................

10. Nitlob li tintuża l-proċedura tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 (kunsinni żgħar) fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri li ġejjin u, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, naqbel li nkopri l-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-oġġetti skont din il-proċedura.

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA
☐ BE ☐ BG ☐ CZ ☐ DK ☐ DE ☐ EE ☐ IE ☐ EL ☐ ES ☐ FR ☐ HR ☐ IT ☐ CY ☐ LV
☐ LT ☐ LU ☐ HU ☐ MT ☐ NL ☐ AT ☐ PL ☐ PT ☐ RO ☐ SI ☐ SK ☐ FI ☐ SE ☐ UK

(*) dawn huma oqsma obbligatorji u jridu jimtlew

(+) mill-inqas wieħed minn dawn l-oqsma jrid jimtela

11 (*). Lista ta' drittijiet li tirreferi għalihom l-applikazzjoni

| Nru | Tip ta' dritt | Numru ta' reġistrazzjoni | Data ta' reġistrazzjoni | Data ta' skadenza | Lista ta' prodotti li jirreferi għalihom id-dritt |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Għal aktar drittijiet ara l-anness nru .................... ☐ Trattament ristrett

Prodotti awtentiċi

12 (*). Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti ☐ Trattament ristrett
Nru tad-dritt tal-PI:
Deskrizzjoni tal-prodotti:

Numru tat-tariffa tan-NM:
Valur doganali:
Valur tas-suq medju Ewropew:
Valur tas-suq nazzjonali: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

13 (*). Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti ☐ Trattament ristrett
Il-pożizzjoni fuq il-prodotti:
Deskrizzjoni:
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

14 (*). Post tal-produzzjoni ☐ Trattament ristrett
Pajjiż:
Kumpanija:
Indirizz:
Belt: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

15 (*). Kumpaniji involuti ☐ Trattament ristrett
Rwol:
Isem:
Indirizz:
Belt:
Kodiċi Postali:
Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

16 (*). Kummerċjanti ☐ Trattament ristrett
Isem:
Indirizz:
Belt:
Kodiċi Postali:
Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

17. Taghrif dwar l-ikklerjar tal-prodotti u d-distribuzzjoni taghhom ☐ Trattament ristrett
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

18. Pakketti ☐ Trattament ristrett
Tip ta' imballaġġ:
Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:
Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi):
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

19. Dokumenti allegati ☐ Trattament ristrett
Tip ta' dokument:
Deskrizzjoni:
☐ Ara l-anness allegat Nru ......

| Prodotti foloz |
|---|
| 20. Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti ☐ Trattament ristrett<br>Nru tad-dritt tal-PI:<br>Deskrizzjoni tal-prodotti:<br>Numru tat-tariffa tan-NM:<br>Valur minimu: ☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 21. Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti ☐ Trattament ristrett<br>Pożizzjoni fuq il-prodotti:<br>Deskrizzjoni:<br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 22. Post tal-produzzjoni ☐ Trattament ristrett<br>Pajjiż:<br>Kumpanija:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 23. Kumpaniji involuti ☐ Trattament ristrett<br>Rwol:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 24. Kummerċjanti ☐ Trattament ristrett<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż:<br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 25. Tagħrif dwar id-distribuzzjoni tal-prodotti ☐ Trattament ristrett<br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 26. Pakketti ☐ Trattament ristrett<br>Tip ta' imballaġġ:<br>Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:<br>Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi):<br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 27. Dokumenti allegati ☐ Trattament ristrett<br>Tip ta' dokument:<br>Deskrizzjoni:<br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |

28. Tagħrif addizzjonali

☐ Trattament ristrett

☐

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

29. Impenji

Billi niffirma nieħu l-impenn li:

— ninnotifika immedjatament lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta minni f'din l-applikazzjoni jew fl-allegati skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

— nibgħat lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni kwalunkwe aġġornament rigward l-informazzjoni imsemmija fil-punti (g), (h) jew (i) tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 608/2013 li hija relevanti għall-analiżi u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tad-dwana rigward ir-riskju ta' ksur tad-dritt jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali inklużi f'din l-applikazzjoni.

— nassumi r-responsabbiltà skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 u li nġarrab l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

Naqbel li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw id-dejta mogħtija f'din l-applikazzjoni.

30 (*). Firma

Data (JJ/XX/SSSS) Firma tal-applikant

Post Isem (Ittri kapitali)

**Għall-użu uffiċjali**

Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet doganali (skont it-tifsira tat-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013)

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa kompletament.

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa parzjalment (għad-drittijiet mogħtija ara l-lista allegata).

Data tal-adozzjoni (JJ/XX/SSSS) Firma u timbru Dipartiment doganali kompetenti

Id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni:

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-perjodu li fih l-awtoritajiet tad-dwana jridu jieħdu azzjoni għandha tasal għand id-dipartiment doganali kompetenti mhux aktar tard minn 30 jum ta' xogħol qabel id-data tal-iskadenza.

☐ L-applikazzjoni ġiet miċħuda.

Deċiżjoni motivata li tiddkjara r-raġunijiet għal ċaħda parzjali jew kompleta u tagħrif dwar il-proċedura tal-appell huma mehmuża.

Data (JJ/XX/SSSS) Firma u timbru Dipartiment doganali kompetenti

**Il-protezzjoni personali tad-data u l-bażi tad-data ċentrali għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal intervent.**

Meta l-Kummissjoni Ewropea tipproċessa data personali inkluża f'din l-applikazzjoni għal intervent japplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar tad-data personali mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Meta l-awtorità tad-dwana kompetenti ta' Stat Membru tipproċessa data personali inkluża f'din l-applikazzjoni għal intervent japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE.

L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tal-applikazzjoni għal intervent huwa l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet tad-dwana fl-Unjoni b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2012 rigward l-infurzar mill-awtoritajiet tad-dwana tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Il-kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar tad-data bil-bażi tad-data ċentrali huwa d-dipartiment doganali nazzjonali kompetenti fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni. Il-lista ta' dipartimenti doganali kompetenti hija ppubblikata fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/right_holders/index_en.htm.

L-aċċess għad-data personali kollha huwa mogħti permezz ta' UserID/Password lill-awtoritajiet tad-dwana fl-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Data personali li tifforma parti mill-informazzjoni li taqa' fil-kuntest ta' trattament ristrett se tkun aċċessibbli biss mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri kif indikat fil-kaxxa 6 tal-applikazzjoni permezz ta' UserID/Password.B'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 608/2013, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data fl-Unjoni u bil-għan li jingħata kontribut biex jiġi eliminat il-kummerċ internazzjonali fi prodotti li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tad-dwana fl-Istati Membri jistgħu jaqsmu d-data personali inkluża fl-applikazzjoni mal-awtoritajiet relevanti f'pajjiżi terzi.

It-tweġibiet fl-oqsma tad-data mmarkati b'* u mill-inqas waħda mill-oqsma mmarkati "+" huma obbligatorji. Fil-każ li din id-data obbligatorja ma timteliex, l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

Is-suġġetti tad-data għandhom d-dritt ta' aċċess għad-data personali li tirrigwarda lilhom li tkun se tiġi pproċessata permezz tal-bażi tad-data ċentrali u, fejn xieraq, għandhom id-dritt li jirrettifikaw, iħassru jew jimblukkaw data personali skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jew il-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE.

It-talbiet kollha għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir jew imblukkar jiġu ppreżentati lid-dipartiment doganali kompetenti fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni.

Il-bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huwa r-Regulation (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 rigward l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Data personali ma tinżammx iktar minn sitt xhur mid-data ta' meta d-deċiżjoni rilevanti li tilqa' l-applikazzjoni tkun ġiet revokata jew ta' meta l-perijodu rilevanti li matulu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni jkun skada. Dak il-perjodu jiġi speċifikat mid-dipartiment doganali kompetenti meta jilqa' l-applikazzjoni u ma jkunx jaqbeż sena mill-għada tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tilqa' l-applikazzjoni. Madankollu, meta l-awtoritajiet tad-dwana jkunu ġew innotifikati bi proċedimenti li jinbdew biex tiġi determinata falsifikazzjoni possibbli ta' prodotti skont l-applikazzjoni, id-data personali tinżamm għal sitt xhur wara li jkunu ġew konklużi l-proċedimenti.F'każ ta' kunflitt, l-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-awtorità nazzjonali relevanti għall-protezzjoni tad-data. Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq il-Websajt tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja (http://ec.europa.eu/justice/data-protection/bodies/authorities/eu/index_en.htm#h2-1). Meta l-ilment ikun jikkonċerna l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dan għandu jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/).".

*ANNESS II*

Il-Parti I tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 hija emendata kif ġej:

(1) fin-nota dwar il-mili tal-kaxxa 1 ("Applikant"), it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-dettalji dwar l-applikant għandhom jiddaħħlu f'din il-kaxxa. Din għandha tinkludi tagħrif dwar l-isem u l-indirizz sħiħ tal-applikant, in-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa tiegħu, kwalunkwe numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali ieħor jew in-Numru ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni bħala Operatur Ekonomiku (Nru-EORI) tiegħu, li huwa numru uniku fl-Unjoni kollha, assenjat minn awtorità doganali fi Stat Membru lil operaturi ekonomiċi involuti f'attivitajiet doganali, in-numru tat-telefown, tat-telefown ċellulari jew tal-faks u l-indirizz elettroniku tiegħu. L-applikant jista' wkoll idaħħal, fejn xieraq, l-indirizz tas-sit web tiegħu.";

(2) fin-nota dwar il-mili tal-kaxxa 2 ("Applikazzjoni tal-Unjoni/Nazzjonali"), qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Meta l-applikazzjoni tiġi ppreżentata wara li jkun ġie sospiż ir-rilaxx tal-oġġetti jew l-oġġetti jkunu ġew issekwestrati skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, il-kaxxa "Applikazzjoni nazzjonali (ara l-Artikolu 5(3))" għandha tiġi mmarkata.";

(3) fin-nota dwar il-mili tal-kaxxa 10 ("Proċedura għal kunsinni żgħar"), it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-applikant jixtieq jagħmel talba għall-użu tal-proċedura għall-qerda ta' oġġetti f'kunsinni żgħar stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, għandu jimmarka l-kaxxa x-xierqa tal-Istat Membru, jew tal-Istati Membri fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, fejn jesprimi x-xewqa li tiġi applikata l-proċedura.".